**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Illum l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022**

**Kumpilazzjoni: 15/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Justin Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Justin Vella, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 110385M, akkużat talli f' dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Jannar 2022, għal ħabta ta' bejn is-14:30hrs u it-14:45 hrs fi Ttiq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f' periklu car, ġgriehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andre Cassar skont kif iccertifikaw Dr Joseph Galea MD u Dr Franco Mercieca mill-Isptar Generali T' Għawdex u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ħebb kontra Andre Cassar sabiex jinġurjah, iddejjqu jew jagħmel hsara lil din il-persuna jew lil ħaddiehor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f' każ ta' ħtija tqis lil Justin Vella bhala reċidiv u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f' każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet at' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex f' każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat fil-konfront ta' Andre Cassar ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien bizzejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u, jekk ikun il-każ, jerġa' lura minnha.

Rat li l-imputat reġa' tenna u kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, u fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti sejra tgħaddi biex issib ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet, din il-Qorti għandha s-segwenti osservazzjonijiet x'tagħmel:

Din il-Qorti tirrileva li entrambi dawn l-imputazzjonijiet huma preskritti. Dana peress li fil-proċess ma ġietx eżebita l-ewwel riferta tal-imputat iżda jirriżulta li l-imputat deher l-ewwel darba quddiem din il-Qorti fit-28 ta' April 2022. Huwa kien ippreżenta rikors b' talba għal differiment fil-21 ta' April 2022. Għalhekk, jekk kellhom jiġu meqjusa dawn id-dati bhala d-dati meta l-imputat ġie notifikat, xorta waħda kien laħaq iddekorra t-terminu preskrittiv ta' tlett xhur.

Dwar ir-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li r-reċidiva hija reat u akkuża per se, u għalhekk titlob li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġi żgurat li persuna tinstab ħatja jew le, skont il-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Abela Paul, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004, intqal:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija*

*vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita` ... l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*

*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Zahra, mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti -permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawża ġiet eżebita biss il-fedina penali tal-imputat u kopja ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru 2018. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova din l-imputazzjoni, ħaġa li ma saritx. In fatti, il-Prosekuzzjoni eżebiet kopja tas-sentenza li lanqas ma hija vera kopja tal-

oriġinal stante li ma hemmx il-firma tad-deputat registratur konċernat. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. In fatti, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Il-Prosekuzzjoni ma resqitx prova li din is-sentenza kienet res judicata u ma sarx appell minnha. Lanqas ma ressqet prova li l-imputat f' dik il-kawża deċiża fit-13 ta' Novembru 2018 huwa proprju l-istess imputat odjern. In fatti, fis-sentenza nfisha lanqas ma hemm referenza għad-dettalji personali ta' Justin Vella għalkemm id-dettalji ta' l-imputazzjoni jikkombaċaw mat-taħrika fuq avviż ta' reat tal-pulizija li ġiet ippreżentata mmedjatment qabel is-sentenza. Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova oħra dwar l-identita' tal-persuna li ġiet ikkundannatha fl-imsemmija sentenza. Lanqas ma tressaq bhala xhud quddiem din il-Qorti l-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-proċedura fuq indikata. Per konsegwenza, din il-Qorti lanqas għandha konferma illi effettivament l-ħati fl-imsemmija proċedura

huwa l-istess persuna li huwa mputat fil-proċedura odjerna. Illi fid-dawl tal-fatt li ma ġiex ippruvat l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ, lanqas tista' tinstab ħtija għal dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dana qed jingħad nonostante l-ammissjoni li ġiet reġistrata.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti qieset li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u għalhekk l-imputat għandu jibbenifika minn dan l-attenwanti. Il-Qorti qieset li sal-lum l-imputat jixtieq jikkumpensa lill-vittma kif jirriżulta mid-dokument eżebit bhala Dok LV 1.

Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ u s-sottomissjonijiet tal-partijiet tqis li l-piena karċerarja mhijiex il-piena idonea f' dan il-każ.

**Deċide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Justin Vella, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, dedotta kontrieħ u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaħ minn kull piena bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum; filwaqt li tiddikjara li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma preskritti. Qegħda wkoll tillibera lil Justin Vella mill-akkuża ta' reċidiva. Finalment, ai termini ta' l-Artikolu 412C u l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lil ħati b'Ordni ta' Trazzin għal zmien tliet (3) snin millum għall-protezzjoni ta' Andre Cassar. Il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Trazzin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx ghall-kundizzjonijiet hawn impost.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur